# BEATI U QADDISIN...MEJJU

## 1 ta' Mejju San Guzepp Haddiem

Guzeppi hu l-Missier puttativ ta' Gesu'. Mill-missjoni li Alla ghazlu ghaliha nistghu nghidu li kien bniedem qaddis ghaliex Alla jinqeda biss bin-nies li jhobbuh. Ebda



Gerrit van Honthorst, Il Bambino Gesù nella bottega di S. Giuseppe, 1620, Hermitage, San Pietroburgo

bniedem iehor fid-dinja ma' kellu inkarigu hekk qaddis x'jiehu hsieb. Kien bniedem ta' fidi u ubbidjenza kbira bhalma kien Abraham. Meta kien f'dilemma jekk ihallix lil martu marija meta hu sar jaf li kien ser ikollha tarbija u din ma kienitx tieghu, Alla baghtlu Anglu biex iserrahlu mohhu mill-inkwiet li hakmu, u ordnalu biex jiehu lil Marija b'martu ghax dak li kien ser jitwieled minnha kien l-Iben t'Alla, il-Messija li l-poplu Lhudi kien tant jistenna.

Ma' martu Marija u Gesu' hu kien jaqsam it-tbatija tal-jum. Kien ihabrek biex jipprokuralhom il-hobzna ta' kuljum.

Bhalma il-Farawni kien jghid lin-nies biex imorru ghand Guzeppi halli jtihom il-qamh li seta jsalvhom mill-ghaks, hekk ukoll l-insara kollha ghandom imorru ghand Guzeppi u jitolbuh il-htigijiet kollha li hemm bzonn ghar-ruh u ghall-gisem.

Niftakru li hu l-prottetur tal-knisja mqaddsa li Kristu feda b'demmu l-ghaziz, lilu nressqu t-talb taghna biex hu jintercedi ghalina quddiem Gesu'.

Ite ad Joseph---- Morru ghand Guzeppi.